# TOROQ LI NSIBU F'ĦAL TARXIEN

*Joseph A. Farrugia*

## TREJQA BONNICI CALÌ

Jekk wieħed iħares sewwa lejn il-pjanta ta' Ħal Tarxien ta' l-1912 jinduna li fi ftit iktar minn nofs ta' bejn it-Triq Betta u Vjal Simmons hemm trejqa żgħira li tgħaqqadhom. Din it-trejqa sa l-1998 kienet tissejjaħ 'Simmons Junction' jew Trejqa ta' Simmons. Din it-trejqa ġiet imsemmija għall-familja Bonnici Calì, familja Tarxiniża, wara l-1995.




Wara l-mewt ta' Lorenza u ħuha Manwel Bonnici Calì fl-1994 kienet saret talba mill-Kunsill Lokali biex it-Trejqa Simmons jibdlulha isimha u tibda tissejjaħ Trejqa Bonnic Calì.

Issa għaliex din it-trejqa ġiet imsemmija hekk? Lorenza Bonnici Calì kienet għal ħafna snin għalliema (katekista) u anke Presidenta fl-Azzjoni Kattolika ta' Ħal Tarxien, fergħa xebbiet. Ma kinetx tgħallem biss id-duttrina, iżda wkoll il-ħjata, ir-rakkmu u l-bizzilla. Kienet mill-ewwel waħda li bdiet tgħallem dan kollu meta nfetaħ iċ-Ċirkolu Marija Annunzjata ta' Ħal Tarxien li kien waqqaf il-kappillan Dun Salv. Galea u Dun Mikiel Vella fl-1935. Kienet tagħmel opri ta' karità mal-fqar tal-parroċċa. Xi nies kienu jsejħulha "omm ir-raħal", għax kient tgħallem id-duttrina lit-tfal tal-Preċett, tgħallem il-ħjata, rakkmu, bizzilla lix-xebbiet u tagħti karità lill-foqra ta' Ħal Tarxien. Għall-ħidma tagħha kienet saret membru tal-Kavallieri ta' Santa Brigida. Meta twieldet il-Komunità barra Ħal Tarxien li wara bdiet tissejjaħ Santa Luċia (wara l-1956) hi kompliet tagħti s-servizz tagħha lil dawk in-nies li marru joqogħdu hemm. Lorenza mietet fit-18 ta' Frar 1994. Ġiet midfuna fil-qabar tal-familja fiċ-Ċimiterju ta' Ħal Tarxien li ġie msejjaħ ta' Kristu Rxoxt.

Manwel Bonnici Calì kien mill-ewwel għalliema li bdew jgħallmu fl-iskola primarja xi snin wara l-Ewwel Gwerra Dinjija (1914 - 1918). Dan għallem għal aktar minn erbgħin sena, għalliem ta' tfal żgħar, kif ukoll ta' ħafna adulti li reġgħu marru l-iskola meta kienu kbar fl-età. Manwel kien maħbub mill-istudenti tiegħu kemm żgħar u kemm kbar għax kien qisu missierhom. Kien ukoll Ko-Operatur tas-Soċjetà tad-Duttrina (tal-Mużew) li kien waqqaf Dun Ġorġ Preca. Manwel miet ftit ġimgħat wara oħtu Lorenza u ġie midfun fiċ-ċimiterju ta' Ħal Tarxien.

Rafel Bonniċi Calì kien ikbar minn oħtu Lorenza 10 snin, imma kien iżommha bħala t-tieni omm tiegħu. Kif kien wiegħed lil ommu Carmela qabel ma mietet. Rafel minn ċkunitu deher li ser jintefa' għall-arti. Hu ġibed lejn in-naħa t'ommu li kienet Carmela Calì bint Lorenzo Calì li kien jiġi hu l-pittur famuż Ġużè Calì. Hu tħarreġ fuq id-disinn, il-pittura u r-restawr tal-pittura. Siefer Ruma għal aktar tagħlim u meta ġie Malta għallem għal xi snin fl-iskola ta' l-Arti. Kien iħobb il-mużika u għalhekk daħal membru fil-Każin tal-Banda Marija Annunzjata li tagħha għamel żmien President (1938 - 1944). Barra li kien restawratur u pittur, kien ukoll kittieb tal-folklor u studjuż ta' l-istorja ta' Malta, inkluż dik ta' Ħal Tarxien, kif ukoll tal-istorja u tal-pittura. Hu wkoll awtur ta' diversi kotba. Kien membru attiv ta' l-Asemblea Nazzjonali għat-tfassil tal-kostituzzjoni ta' l-1945 u tas-Self Government fl-1947.

Qabel l-1983, kienu laħħquh Kavallier għas-sehem tiegħu fl-arti, fil-folklor u fl-istorja ta' Malta. Fl-1983 kien ġie mogħti l-Midalja tad-Deheb mis-Soċjetà ta' l-Arti, Manifattura u Kummerċ bħala rikonoxximent tal-kontribut tiegħu fil-qasam ta' l-Arti Maltija. Insibu l-pittura tiegħu f'diversi knejjes parrokkjali barra dik tad-Dumnikani fil-Birgu. Fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien ħoloq tliet pitturi kbar fl-arzelli tat-tliet kappelluni, dak ta' l-artal tar-rużarju (Marija Omm il-Knisja, skond il-Konġilju Vatikan II), dak tal-Madonna tal-Karmnu (Marija Omm Alla, skond il-Konċilju ta' Efeso) u dak ta' fuq l-orgni li turi lil Marija tkanta il-"Magnificat". Din il-pittura hi meqjusa bħala l-kapulavur tal-Kav. Rafel Bonnici Calì. Kien minn ta' l-ewwel li kiteb artikli l-aktar fuq l-istorja ta' Ħal Tarxien, fil-gazzetta u wara l-Fuljett Parrokkjali "Tarxien". Kiteb artikli fuq il-folklor fir-Rivista "L-Imnara". Hu miet fis-6 t'Awissu 2002 u ġie midfun fil-qabar tal-familja fiċ-ċimiterju ta' Ħal Tarxien.

Il-familja Bonnici Calì kienet l-ewwel waħda li kellna f'Ħal Tarxien b'żewġ kunjomijiet magħqudin ma' xulxin, użu li daħal f'Malta fis-seklu dsatax.

*Riferenzi*


'*L-Istorja tal-Għaqda Mużikali 'Marija Annunzjata', Ħal Tarxien* - diversi paġni - ta' Vince Battistino ( 1987)
"*Il-Mument*" 31 ta' Mejju 1992 intervista ta' joe Micallef
"*Leħen is-Sewwa*" 12 ta' Marzu 1994, artiklu tal-Kav. Bonnici Calì
"*Il-Mument*" 29 ta' Frar 2004, artiklu ta' Jos. C. Camilleri
Artikli Lorenza Bonnici Calì f'diversi ħarġiet ta' "*L-Imnara*"
Sensiela ta'artikli dwar artisti Maltin minn Rafel Bonnici Calì fil-"*Leħen is-Sewwa*" (1980's)
Leaflet maħruġa mill-Kav. Raf. Bonnici Calì dwar il-ħajja ta' oħtu Lorenza.
Ittra ta' ringrazzjament lil dan l-awtur mingħand il-Kav. Bonnici Calì, 28 ta' ta' Frar 1994.
Ittra għall-fuljett "*Tarxien*" lil dan l-awtur mingħand il-Kav. R. Bonnici Calì, 20 ta' Settembru 1998
Artiklu ta' dan l-awtur dwar il-Ħajja tal-Kavallier R. Bonnici Calì, "*Leħen is-Sewwa*" 2 ta' Awissu 2001
"*Ħal Tarxien*" ta' Vince Battistino (1993) pp 86, 88.


**TRIQ DANIEL CECY** (1877 - 1973)




Twieled f'Ħal Tarxien fl-14 t'Awissu, 1877, bin is-Sur Ruġġier u Giuseppe neè Lanzon. Għal ħafna snin kien joqgħod f'dak li llum hu msejjaħ "Palazzo Spadafore". Minn ċkunitu Daniel wera li kellu ħerqa kbira biex jitgħallem. Ta' għaxar snin kien diġà jaf tajjeb bl-Ingliż, Taljan, Matematika u ftit Botanika. Meta għadda għall-ewwel klassi tal-Liceo instab li kien diġà jaf ċertu suġġetti u għalhekk wara tliet xhur qegħduh fi klassi ogħla. Ta' 16-il sena kien ġie l-ewwel fl-eżami tal-Matrikola. Matul il-kors tal-Mediċina li kien ħa, kien dejjem jiġi l-ewwel sakemm temm il-kors kollu bit-titlu ta' "cum laude". Iggradwa M.D. u wkoll M.A. Fl-1901 tħarreġ f'Pariġi fejn biddel ismu minn Ceci għal Cecy. Wettaq servizz f'diversi sptarijiet fi Franza. Wara wettaq servizz mediku fl-Isptar Ċentrali fil-Floriana fejn fetaħ klinika li kienu jiffrekwentawha nies minn Tuneż, Tripli u Benghazi. Għal xi żmien għallem l-ilsna Rumanzi (Taljan, Franċiż) u l-fiżika fil-Kulleġġ ta' Flores il-Belt. Fl-Ewwel Gwerra Dinjija (1914-1918) kellu taħt il-kura tiegħu mijiet ta' feruti u ,morda minn bastimenti tal-gwerra u merkantili Franċiżi u kif ukoll ta' ħafna refuġjati Franċiżi f'Malta. Għall-ħidma tiegħu

mas-sudditi (baħrin, uffiċjali) Franċiżi matul l-aħħar Gwerra Dr Cecy ġie onorat mill-Gvern Franċiż bid-dekorazzjonijiet "Officier d'Academie" (1949); "Officier de l'Ordre de la Sanite Publique" (1958), "Chevalier de la Legion Francaise d'Honeur" (1960); "Officier de la Legion Francaise d'Honeu"r (1962), l-ogħla dekorazzjonijiet Franċiżi.

Bejn l-1930 u l-1935 Dr Cecy kien bena Villa fi Triq il-Kbira u fiha kellu wkoll klinika. F'din il-villa kienu jiġu mistiedna l-aqwa nies ta' Malta, fosthom il-Gvernatur, l-Arċisqof, il-Prim Ministru, Ministri, Membri tal-Parlament, Imħallfin kif ukoll l-Eżekuttiv tal-Banda "Marija Annunzjata" li Dr Cecy kien dam President tagħha għal aktar minn 74 sena.

Għal ħafna snin wara l-1903, Dr. Cecy kien l-uniku persuna minn Ħal Tarxien li serva bħala ġurat fil-Qorti ta' Malta. Għal ħafna snin Dr Cecy kien l-iktar tabib imfittex f'Ħal Tarxien u Raħal Ġdid. Hu kien l-ewwel wieħed li kellu karozza tan-nar bix-xufier miegħu. Kien jagħmel il-viżti lill-pazjenti liebes pulit ħafna.

Fl-1896 meta Daniel Cecy kien għadu student universitarju kien diġà membru fl-Eżekuttiv ta' l-Għaqda Mużikali Marija Annunzjata ta' Ħal Tarxien li f'dak iż-żmien kien għadha jisimha "Banda San Giuseppe". Fis-27 t'Awissu 1909 inżammet seduta ġenerali fejn fiha ġie magħżul bħala President Onorarju t-Tabib Daniel Cecy meta kien għad kellu 22 sena biss. Minn dak iż-żmien 'il quddiem kien hemm diversi drabi fejn it-Tabib Daniel Cecy kien irrappreżenta lil Ħal Tarxien fl-isem tal-Għaqda Mużikali Marija Annunzjata f'ħafna kumitati li saru f'Malta sa l-aħħar Gwerra Dinjija. F'dawn l-okkażjonijiet it-tabib Cecy kien idendel bandiera kbira Franċiża fl-indana tat-taraġ u meta jidħol l-Ambaxatur Franċiż jindaqq il-"Massellaise", l-Innu Franċiż. Il-mistednin speċjali għal dan il-festin kienu jkunu l-Bandisti tal-Għaqda Mużikali 'Marija Annunzjata' ta' Ħal Tarxien. Kmieni fil-għodwa tal-Ħamis 21 ta' Ġunju 1973, tħabbret il-mewt tat-Tabib Cecy fl-età ta' 96 sena. L-għada l-Ġimgħa 22 ta' Ġunju 1973 sar funeral imponenti organizzat mill-Għaqda Mużikali 'Marija Annunzjata'. It-tabib D. Cecy hu midfun fiċ-ċimiterju ta' Ħal Tarxien, magħruf bħala "Ta' l-Erwieħ". L-unika tifla li kellu żżewġet lit-tabib Pawlu Boffa li wara l-1947 sar Prim Ministru ta' Malta.

*Riferenzi:*

"*Daily Malta Chronicle*" 23 ta' Novembru 1903,lista tal-Ġurati
"*Guida Ġenerali di Malta e Gozo*", 1918
"*The Sunday Times of Malta*", 22 ta' Mejju 1960, pg 14
"*Il-Berqa*" 28 ta' Mejju 1960 pg. 14
Gazzetta "*Tarxien*" Leħen il-Parroċċa, Ġunju-Lulju 1962, pg 2
"*The Sunday Times of Malta*" tat-8 t'April 1962, pg 4, kif ukoll tal-5 ta' Awissu 1962 u tat-12 ta' Awissu 1962
"*Leħen is-Sewwa*" ta' l-24 t'April 1962 u tat-3 ta' Mejju 1962
"*Il-Berqa*" tas-7 ta' Ġunju 1962
Gazzetta "*Tarxien*" Leħen il-Parroċċa, Awissu-Ottubru 1962, pg. 2
"*Dizzjunarju Bio-Bibljografiku Nazzjonali*" ta' R. Mifsud Bonnici, DOI 960-1966, pg 126
"Il-Ħaddiem" 22 ta' Mejju 1965, pg 2
"*Il-Ħajja*" 22 ta' Ġunju 1973 pg 4
"*L-Istorja ta' l-Għaqda Mużikali Marija Annunzjata - Ħal Tarxien*" ta' Vincent Battistino, 1987, pg 4, 11, 16, 35, 42, 46, 47, 48, 49,53, 57, 61, 62.
Arkivju Banda 'Marija Annunzjata' Tarxien mis-sena 1909 sas-sena 1973.